MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru 10/2009

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Philip Azzopardi et**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta' Joseph Vella tas-26 ta' Lulju 2011.

Rat il-verbal tal-15 ta' Settembru 2011 li permezz tieghu Dr. Arthur Azzopardi ghar-rikorrent irrekuza lill-President

ta’ din il-Qorti a tenur tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u dan peress li allegatament meta l-President tal-Qorti kien jokkupa l-kariga ta’ Avukat Generali l-ufficju tal-Avukat Generali kien ha konjizzjoni tal-fatti mertu f’dan il-kaz u ta l-parir tieghu jew personalment jew permezz tal-Ufficju lill-Kummissarju tal-Pulizija jittiehdux proceduri dixxiplinari kontra ufficjal tal-Pulizija kif ukoll setghax kien hemm xi tip ta’ komplicita’ mill-istess ufficjal mar-rikorrent;

Rat li r-rikors thalla ghall-llum ghall-provvediment u/jew trattazzjoni skont il-kaz

Ikkunsidrat illi l-President tal-Qorti ma ghandu ebda konjizzjoni ta’ dak allegat mir-rikorrent fil-verbal tieghu fuq imsemmi in konnessjoni ma’ xi allegat parir tieghu, jew personalment jew permezz tal-Ufficju tal-Avukat Generali, lill-Kummissarju tal-Pulizija jittiehdux proceduri dixxiplinari kontra ufficjal tal-Pulizija jew dwar setghax kien hemm xi tip ta’ komplicita’ mill-istess ufficjal mar-rikorrent, u anqas ingiebet xi prova ta’ dak allegat u ghalhekk ma jirrizultax li t-talba tar-rikorrent hekk motivata ghar-rekuza tal-President tal-Qorti ghandha tintlaqa’ mill-Qorti;

Ikkunsidrat, izda, li meta fil-25 ta’ Marzu 2009 gie prezentat l-Att ta’ Akkuza f’isem l-Avukat Generali kontra r-rikorrent il-President tal-Qorti kien jokkupa l-kariga ta’ Avukat Generali u kien jokkupa l-istess kariga ta’ l-anqas ghal certu tul ta’ zmien li matulha kienet qed issir il-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u dawn huma ragunijiet validi u skont il-ligi ghar-rekuza tal-President ta’ din il-Qorti milli jiehu konjizzjoni tar-rikors tal-appell tar-rikorrent u konsegwentement tar-rikors ta’ Joseph Vella tas-26 ta’ Lulju 2011 a tenur tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12.

Ghaldaqstant, filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrent ghar-rekuza tal-President tal-Qorti fuq il-motiv li ta l-parir tieghu jew personalment jew permezz tal-Ufficju lill-Kummissarju tal-Pulizija jittiehdux proceduri dixxiplinari kontra ufficjal tal-Pulizija u setghax kien hemm xi tip ta’ komplicita’ mill-istess ufficjal mar-rikorrent, tilqa’ l-istess talba fuq il-motiv

li meta l-President tal-Qorti kien jokkupa l-kariga ta’ Avukat Generali l-ufficju tal-Avukat Generali kien ha konjizzjoni tal-fatti mertu f’dan il-kaz u kien ta l-parir tieghu jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x’taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha kif previst fl-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------